MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL
DIRETTORAT GĦAL-LITTERIŻMU DIĠITALI U ĦILIET TRANSVERSALI

# ĊIRKULARI

**Data:** **24 ta' Frar 2020** **Ref: DDLTS 5/2020**

**Għal:** **Kapijiet tal-Iskejjel (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja) u Sezzjonijiet**

**Minn:** **Servizz ta' Appoġġ Nazzjonali tal-eTwinning**

**Suġġett: Kompetizzjoni tal-eTwinning:**
**15-il sena anniversarju tal-eTwinning**

---

**Kompetizzjoni tal-eTwinning:**
**15-il sena anniversarju tal-eTwinning**

eTwinning Malta qed tistieden lill-għalliema u lill-istudenti kollha mill-Kindergarten sal-edukazzjoni post sekondarju biex jipparteċipaw f ' kompetizzjoni tal-eTwinning għas-sena skolastika 2019-2020.
L-għalliema huma mistiedna joħolqu powster li jiċċelebra l-15-il anniversarju tal-eTwinning biex jidher fuq il-websajt tagħna tal-eTwinning Malta https://www.etwinningmalta.net/
Il-powster irid jinkludi:
• Il-Benefiċċji li tkun parti mill-komunità tal-eTwinning
• Għaliex l-eTwinning jistħoqqlu ċelebrazzjoni bħal din

Linji gwida:
• Il-powster jista ' jkun kemm diġitali jew fuq il-karta (mhux inqas minn A4 u mhux ikbar minn A3)
• Jista' jinkludi ritratti, tpinġijiet, hashtags, links
• Jekk il-powster isir bil-karta – dan għandu jintwera f ' żona prominenti fl-iskola jew fil-klassi.
• Jekk huwa powster diġitali – dan għandu jidher fuq is-sit tal-iskola jew il-midja soċjali

Sabiex japplikaw il-parteċipanti għandhom jimlew din il-formola: https://bit.ly/31DGa32
L-applikazzjoni trid tinkludi:
• deskrizzjoni qasira tal-attività.
• link tal-powster diġitali jew ritratt tal-powster lest esebit fl-iskola
• Ritratti tal-istudenti qed jaħdmu fuq il-proġett
• link tal-websajt tal-iskola jew tal-midja soċjali tal-iskola fejn jidher il powster
• Isem l-iskola, student/a, Għalliem/a, kull edukatur ieħor li ha sehem.
• Kategorija li għaliha saret applikazzjoni (ara hawn taħt)

**NB**: Infakkru l-partiċipanti biex jaraw li għandhom il-*consent form* iffirmata mingħand il-ġenituri tal-istudenti

**Kategoriji:**
Grupp A: Snin Bikrin (KG – Yr 2)
Grupp B: Skejjel Primarji (Yr 3 – Yr 6)
Grupp  C: Skejjel Medji (sena 7 – 8)
Grupp D: Skejjel Sekondarji (sena 9-11)
Grupp E: Skejjel Post-Sekondarji

**Data tal-għeluq** tal-applikazzjoni:  Tmien Term 2 - **7 t'April 2020**
Il-proġetti rebbieħa se jirċievu tifkira għall-istudenti u premjijiet għall-edukaturi li jieħdu sehem.
Għal aktar informazzjoni ġentilment Ikkuntattja lis-servizz ta ' appoġġ nazzjonali tal-eTwinning fuq **25981568/1563** jew ibgħat email fuq **etwinning@ilearn.edu.mt**

**Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**